MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 201/2010

Kawza fil-lista: 63

***V N***
**vs**
***Z T***

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta’ Novembru 2011, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak ta’ l-attrici, fit-termini tal-paragrafu [c] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null; u ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null fil-ligi dan iz-zwieg; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut cahad dak imputat lilu, u eccepixxa li n-nullita' taz-zwieg hija attribwibbli lill-attrici fit-termini tal-paragrafu [d] fuq citat;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Novembru 2001 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu il-konvenut, filwaqt li jichad dak attribwit lilu, jimputa l-kawza tan-nullita' lill-attrici.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-24 ta' Novembru 2001, wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt snin. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa seba' snin il-partijiet isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li l-problema ta' bejniethom sa minn zmien l-gherusija dejjem kienet in-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' bejniethom, rizultat tal-fatt li l-konvenut kien inkapaci li jkkomunika man-nies ta' madwaru, u jghix ghalih.

L-attrici tghid li, minkejja li matul il-perijodu ta' l-gherusija hija kienet diga' konxja ta' din il-problema, is-sitwazzjoni aggravat meta dawn izzewwgu; tant, li xi hames xhur wara z-zwieg hija kienet marret ghand il-Psikologa Mariella Blackman, sabiex titlob ghajnuna minghandha, izda l-kon venut ma kkoperax u ma riedx imur ghand il-psikologa.

L-attrici tilmenta li l-att taz-zwieg ma kienx isir tas-spiss, u dan minhabba bruda u nuqqas ta' hegga da parti tal-konvenut. Fil-fatt kienet hi li kienet tavvicina lil zewgha ghar-relazzjonijiet intimi, filwaqt li dan kien juri certu riluttanza biex jaghmel l-att taz-zwieg. Tghid li kien anke jidhol jorqod fid-9.00 pm biex jevita li jkollu x' jaqsam ma' martu. Fi kliemha: "jew kien taparsi jorqod, jew jghidli ghajjien jew m' ghandix aptit."[1]

Tghid li l-konvenut kien mohhu biss fil-football, fil-films u fil-kompjuter, u kien jghix f' dinja ghalih. Tispjega li "kont immur mix-xoghol id-dar, konna naslu kwazi flimkien dak iz-zmien. Jien nibda nnaddaf u nsajjar u naghmel, u hu lanqas biss ikellimni. Jintefa' quddiem it-television…..jekk nipprova nkellmu jghidli ghax hadtlu rasu."

Tghid li f' dawn ic-cirkostanzi kienet iddecidiet li ma jkollhiex tfal f' dan iz-zwieg. "Ghamilna seba' snin ta' zwieg hekk, u kont nghix ma' ragel u nhossni il-hin kollu wahdi."[2]

*Verzjoni tal-konvenut*
Illi l-konvenut minn naha tieghu jichad dak imputat lilu mill-attrici, u jghid li hu kien joqghod attent fl-att taz-zwieg biex martu ma tinqabadx tqila. Jghid li t-tfal ma gewx ghax ma gewx, filwaqt li l-att taz-zwieg kien dejjem miftuh ghat-tfal.

Il-konvenut jichad li hu kien biered lejn l-attrici, filwaqt li jsostni li l-attrici kienet turi riluttanza li jkollha x' taqsam mieghu. Il-bruda kienet minn naha taghha. Jilmenta wkoll minn nuqqas ta' mhabba da parti ta' martu fil-konfront tieghu, u li hu kien beda jhoss li hi kienet "bdiet tuzani ghat-tfal biss mhux ghall-imhabba."[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Il-Qorti, wara li semghet ix-xhieda tal-partijiet, u tal-Psikologa Mariella Blackman, kif ukoll hadet konjizzjoni ta' l-affidavit ta' omm l-attrici, tirraviza f' dan il-kaz il-*caput*

[1] Fol.27
[2] Fol.13
[3] Fol.39

*nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijiet.

Il-Qorti taccetta bhala veritier il-fatt li bejn il-partijiet kien hemm nuqqas kbir ta' komunikazzjoni, dovuta ghall-karattru rizervat tal-konvenut, kif ukoll taccetta li dan kien ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jghixu f' komunjoni ta' hajja u mhabba, izda minn naha l-ohra il-fatt li l-attrici, li kienet taf bil-problema serja ta' komunikazzjoni, ghaddset rasha ghal din il-problema u baqghet sejra bir-relazzjoni mal-konvenut u biz-zwieg, jimmanifesta nuqqas serju da parti taghha ta' maturita' rigwardanti l-import tal-hajja matrimonjali.  Rizultat ta' dan, hija mill-bidu nett taz-zwieg ntebhet li hi ma setghetx tghix mal-konvenut il-hajja konjugali bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied.  Fi kliem iehor fi zmien l-ghoti tal-kunsens matrimonjali hi ma apprezzatx li ma setghetx tghix il-konvivenza matrimonjali ma' persuna li kienet inkapaci tikkomunika maghha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Novembru 2001.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------